# Knejjes Iddedikati lill-Assunta



*(L-Ewwel Parti)*

## Il-Knisja ta' Santa Marija ta' "Duna" fir-Rabat

kitba ta' Mario Fenech

**F'waħda** mit-toroq ewlenin tar-Rabat, li mill-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl twasslek ħdejn il-Villa Rumana, hemm Knisja żgħira magħrufa bl-isem ta' Santa Marija ta' Duna.

Il-Knisja tissemma fil-Vista Pastorali li kien għamel Mons. Duzina nhar it-22 ta' Jannar 1575. Nafu li qabel ma ġiet mibnija l-Knisja li hemm illum, kien hemm Knisja oħra qabilha fil-qrib u għalkemm din ma kellhiex benefiċċji, kienet tinżamm fi stat tajjeb min-nies ta' l-inħawi. Dawn kienu jieħdu ħsieb iġibu qassis biex iqaddes fil-ġranet tal-festi u s-Sibt. Kienet nieqsa minn ħafna bżonnijiet u l-anqas bieb ma kellha. Meta żar il-Knisja, Mons. Duzina kien ordna biex isir dan il-bieb u qabel ma jkun lest, ma setax isir quddies. Kienet issir il-festa ta' l-Assunta fit-18 ta' Jannar, iżda mbagħad lejn nofs is-seklu sittax, din bdiet issir nhar il-15 ta' Awissu. Kien f'dan iż-żmien li l-Knisja kienet bdiet tissejjaħ ta' "Duna", mill-kelma "Doni".

Il-Knisja li hemm illum kienet bdiet tinbena fis-sena 1662 u tlestiet fl-1666, fi żmien meta Malta kienet taħt il-ħakma tal-Gran Mastru Nikola Cottoner. Kien ħadem ħafna biex tinbena l-Kan. Giovanni Battista Zahra. Is-sit li ntuża biex fuqu tinbena l-Knisja kien l-istess wieħed li fuqu, qabel kien hemm mibnija l-Knisja ddedikata lill-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann. Din il-Knisja kienet ġiet ipprofanata waqt Vista Pastorali li kienet saret fl-1656. Dan kien żmien meta ħafna kienu dawk id-devoti ta' xi qaddis jew qaddisa li kienu jibnu xi Knisja żgħira viċin xi raħal jew f'post fejn ikun milħuq mill-pubbliku. Kien ikun hemm aktar minn Knisja waħda viċin xulxin, u f'diversi okkażjonijiet, maż-żmien dawn il-Knejjes kienu jitneħħew biex jagħmlu wisa' għal knejjes oħrajn jew knisja waħda akbar.

Din il-Knisja ta' Duna tidher li kienet xi ftit akbar minn dawk li soltu kienu jinbnew, dan għaliex parti mill-ispazju tagħha jservi ta' bitħa żgħira mal-ġenb tal-Knisja. Ma għaddiex wisq żmien sakemm il-Knisja saret waħda popolari man-nies ta' l-inħawi. Fost dawk li kienu jiffrekwentaw il-Knisja kien hemm fost l-oħrajn, il-Balliju F.P. Antonio Saura de Marterugno li saħansitra kien irregala lill-Knisja d-damask biex jintrama waqt il-festi li kienu jiġu ċċelebrati fiha.

Fl-1658 il-Kan. Antonio Famucelli kien irregala lill-Knisja statwa ta' l-irħam tal-Madonna u nhar id-9 ta' Marzu 1694 sar att għand in-Nutar Mario Saliba fejn ġiet imħollija somma żgħira ta' flus biex permezz tagħha tkun tista' ssir Quddiesa fis-seba' festi ewlenin tal-Madonna.

Fil-festa ta' l-Assunta l-Knisja kienet tiġi armata sewwa u kienet issir il-Kwindiċina. Għall-funzjonijiet tal-Kwindiċina kienu jmorru l-Kjeriċi tal-Katidral biex ikantaw il-Litanija. Kien jinġieb ukoll Apparat Sagru mill-Katidral u mill-Kolleġġjata ta' San Pawl biex tintrama l-Knisja għall-festa. L-Arċipriet tal-Katidral



Il-Kappella ta' Santa Marija ta' "Duna".

kien imexxi l-funzjonijiet u f'jum il-Festa filgħodu kienet issir Quddiesa Kantata bil-Paniġierku. Kienu jinħarqu l-maskli u titqabbad ħuġġieġa kbira.

Fir-rapport tal-Vista Pastorali li kienet saret mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan fis-sena 1744, nafu li din il-Knisja kienet fi stat tajjeb ħafna u ma kien jonqosha xejn. Kellha altar wieħed li fuqu kien hemm il-kwadru titulari ta' l-Assunta bil-qamar taħt riġlejHa. Mal-ħitan tal-Knisja kien hemm bosta kwadri Ex-Voto, xhieda ta' kemm kienet kbira d-devozzjoni lejn l-Assunta f'din il-Knisja. B'riżultat ta' din il-Vista Pastorali ta' l-Isqof, kien ġie maħruġ digriet fejn ġew mogħtija 40 jum Indulġenza lil kull min iżur il-Knisja u jitlob quddiem ix-xbieha ta' l-Assunta. Il-Prokuratur tal-Knisja dak iż-żmien kien il-Kan. Dun Adriano Gourgion, li kien ukoll il-Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof. Il-Knisja tul iż-żmien għaddiet minn żminijiet sbieħ kif ukoll koroh. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Knisja għaddiet f'idejn il-membri ta' l-A.R.P.

Wara li ntemmet il-Gwerra, il-Knisja għaddiet f'idejn il-Prokuratur Dun Karm Ciappara u wara beda jieħu ħsiebha l-Kan. Vinċenz Galea li ħadem ħafna biex żejjen il-Knisja. Għalkemm il-Knisja ma tintużax ta' spiss, xorta waħda tista' titgawda mill-Pubbliku permezz ta' kanċell ta' l-injam li hemm ftit 'il ġewwa mill-bieb prinċipali.

Il-Knisja fil-preżent hija waħda filjali tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat u tintuża mill-membri tal-Leġjun ta' Marija għal-laqgħat tagħhom. Diversi kwadri u statwi li hemm fil-Knisja, id-dekorazzjoni tas-saqaf kif ukoll il-ħitan minn barra għandhom il-bżonn imminenti ta' restawr.

Tkun tassew ħasra jekk din il-Knisja bi storja tant



*Il-Kwadru titulari ta' l-Assunta fuq l-Altar.*

interessanti tiġi ttraskurata b'mod li l-ħsara ma tkunx tista' tiġi rranġata u b'hekk inkunu tlifna waħda mill-ġawhar sbieħ imwaqqfa f'ġieħ l-Assunta.

**Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.**

Tas-Sliema *6 ta' Marzu 2002*

**Maria Stationery**

For all kinds of stationery, toys, gifts, cards, cosmetics, haberdashery and photocopy service

*17, Triq is-Salvatur, Qrendi.*

**Tel: 2164 9279** **Mob: 9940 2104**